

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.5492 — Oaktree/Apollo/Countrywide)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 54/09)

1. Fit-2 ta' Marzu 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża(i) Oaktree, l-Istati Uniti tal-Amerika, li hi kkontrollata mill-Oaktree Group, takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt tal-Countrywide plc, ir-Renju Unit, li llum hi kkontrollata bi sħiħ mill-Apollo Group, l-Istati Uniti tal-Amerika, permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għall-Oaktree Group: hi impriża għall-amministrazzjoni ta' investiment fejn tagħti pariri u/jew tamministra ċerti fondi ta' investiment. Fl-Ewropa, l-investimenti ta' propjetà immobbli tal-Oaktree Group huma limitati biss fil-Ġermanja,

— għall-Apollo: tamministra fondi ta' investiment li għandhom investimenti f'kumpaniji li huma involuti f'bosta negozji madwar id-dinja. Flimkien mal-Countrywide, l-Apollo tikkontrolla wkoll lill-Realogy Corporation, fornitriċi ta' servizzi ta' propjetà immobbli u ta' rilokazzjoni u detentriċi ta' liċenzja għal sense-rija ta' propjetà immobbli li hi bbażata fl-Istati Uniti tal-Amerika,

— għal Countrywide: tforni lill-klijenti fir-Renju Unit b'servizzi fis-settur tal-propjetà residenzjali u kummerċjali. In-negozju prinċipali tagħha jdur madwar l-aġenziji tal-propjetà immobli u l-kiri tal-propjetà. Il-Countrywide hi attiva wkoll f'servizzi anċillari tan-negozju tal-impriża tagħha tal-propjetà immobbli u l-kiri tal-propjetà, inklużi servizzi finanzjarji, sħariġ u valutazzjoni, trasferiment tal-propjetà u servizzi ta' rilokazzjoni.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżizzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.5492 — Oaktree/Apollo/Countrywide fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussell

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.